

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 148/2008

ta' l-20 ta' Frar 2008

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 900/2007 u 1060/2007 sabiex jiġi ċċarat l-istatus tad-destinazzjonijiet esklużi mir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni taz-zokkor

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(3) Ir-Regolamenti (KE) Nru 900/2007 u 1060/2007 għandhom għalhekk jiġu emendati kif jixraq.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta'Ġestjoni għaz-Zokkor,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor <sup>(1)</sup> (*traduzzjoni mhux uffiċjali*), u b'mod partikolari l-Artikoli 40(1)(g) u 40(2)(d) tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Billi:

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 900/2007, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

(1) L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 900/2007 tas-27 ta' Lulju 2007 dwar sejħa permanenti għall-offerti biex ikunu deċiżi r-rifużjonijiet fuq esportazzjonijiet ta' zokkor abjad sa tmiem is-sena kummerċjali 2007/2008 <sup>(2)</sup> u l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1060/2007 ta' l-14 ta' Settembru 2007 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid għall-esportazzjoni ta' zokkor miżmum mill-aġenziji ta' l-intervent tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, Spanja, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Iżvezja <sup>(3)</sup> jifthi sejħiet permanenti għall-offerti rispettivi għad-destinazzjonijiet kollha minbarra Andorra, Ġibiltà, Ceuta, Melilla, is-Santa Sede (l-Istat tal-Vatikan), il-Liechtenstein, il-Lokalitajiet ta' Livigno u ta' Campione d'Italia, Heligoland, Greenland, il-Gżejjer Faeroe u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv, l-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnija u l-Herzegovina, is-Serbja <sup>(4)</sup>, il-Montenegro u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

"1. Ser tinfetħ sejħa permanenti għall-offerti sabiex jiġu ddeterminati r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni taz-zokkor abjad kopert mill-kodiċi tan-NM 1701 99 10 għad-destinazzjonijiet kollha minbarra:

(a) pajjiżi terzi: l-Andorra, il-Liechtenstein, is-Santa Sede (l-Istat tal-Vatikan), il-Kroazja, il-Bożnija u l-Herzegovina, is-Serbja (\*), il-Montenegro, l-Albanija, u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

(b) it-territorji ta' l-Istati Membri ta' l-UE li m'humiex parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Lokalitajiet ta' Livigno u ta' Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv;

(2) Biex tiġi evitata kull miżinterpretazzjoni ta' l-istatus ta' dawn id-destinazzjonijiet li huma esklużi, huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn il-pajjiżi terzi, it-territorji ta' Stati Membri ta' l-UE li m'humiex parti mit-territorju doganali tal-Komunità u t-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jiffurmax parti mit-territorju doganali tal-Komunità.

(c) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jiffurmax parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.

Matul il-perjodu tal-validità ta' din is-sejħa permanenti msemmija fl-ewwel subparagrafu, ser joħorġu sejħiet parzjali għall-offerti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 196, 28.7.2007, p. 26. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1298/2007 (ĠU L 289, 7.11.2007, p. 3).

<sup>(3)</sup> ĠU L 242, 15.9.2007, p. 8. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1476/2007 (ĠU L 329, 14.12.2007, p. 17).

<sup>(4)</sup> Inkluż il-Kosovo, taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti, skond ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

(\* Inkluż il-Kosovo, taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti, skond ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ta' l-10 ta' Ġunju 1999."

*Artikolu 2*

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2007, it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Id-destinazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu:

(a) Pajjiżi terzi: Andorra, il-Liechtenstein, is-Santa Sede (l-Istat tal-Vatikan), il-Kroazja, il-Bożnija u l-Herzegovina, is-Serbja (\*), il-Montenegro, l-Albanija, u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

(b) it-territorji ta' Stati Membri ta' l-UE li m'humiex parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, il-Ceuta, il-Melilla, il-Lokalitajiet ta'

Livigno u ta' Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv;

(ċ) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jiffurmax parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.

(\*) Inkluż il-Kosovo, taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti, skond ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ta' l-10 ta' Ġunju 1999.”

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Frar 2008.

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membru tal-Kummissjoni*